**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Omar Zammit)

**Vs**

**Eduardo Dario Maestre Garcia**

**Illum, 22 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti:**

Rat li Eduardo Dario Maestre Garcia ta' 41 sena, iben Juan de la Cruz u Teresa Garcia xebba Lozano, imwieled Urumita, Kolumbja nhar 12 ta' April 1982, detentur tal-passaport Kolumbjan bin-numru BC293579 u residenti fil-fond 78, Flat 7, Triq San Tumas, Floriana ġie akkużat:

"...

1. Nakkuzah talli nhar 21 ta' Settembru 2023 ghall-habta ta' bejn l-erbgha ta' filghodu (04:00hrs) u l-hamsa ta' filghodu (05:00hrs) gewwa l-fond 78, Flat 7, Triq San Tumas, Floriana kkawza lil Johanna Galindo Moreno, (persuna li kellu

relazzjoni maghha) biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dan lahaq il-mira tieghu, u dan bi ksur ta' artikoli 251(3), 251H(a); 251HA tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe George Briffa liema hsara hija ta' l-ammont li jeccedi il-mitejn u hamsin ewro (€250.00) izda ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€ 2,500.00) u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor u dan bi ksur ta' artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamilt injurji jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-kodici kriminali lil Johanna Galindo Moreno, jew, jekk kont provokat, ingurjajt b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
...”

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra l-imputat għall-benefiċċju ta’ Johanna Galindo Moeno u dan skond l-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll u f' każ ta' ħtija, ma kull piena il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Johanna ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebit il-fedina penali, kopja tar-rapport tal-Pulizija (NPS) u ċertifikat tat-twelid tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum l-Qorti Istruttorja fissret lill imputat l-effetti ta' dan il-kunsens, kif ukoll li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dan wara li l-Qorti tatu żmien xieraq u l-fakultà li jikkonsulta mal-avukat tiegħu. B' hekk il-Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 370(4) ikkonvertiet ruħha u saret kompetenti li tittratta l-każ tal-imputat u li tagħti s-sentenza minnufih.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u kkunsidrat l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tal-imputat.

Il-Qorti hija tal-fehma li peress li skont il-fedina penali ippreżentata fl-atti, din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef subajh mal-ġustizzja, u kif ukoll li skont l-uffiċjal prosekutur l-imputat kien taħt l-influenza tax-xorb u jidher li hu kull ma ried kien li jidħol joqgħod. Il-Qorti hija tal-fehma li piena karċerarja effettiva ma tilħaqx il-għan meħtieġ, cioé dak tar-riforma tal-imputat.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 251(3), 251(H)(a), 251HA, 325(1)(b), 338(m) u 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 533, u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u fir-rigward tal-ewwel u tieni imputazzjoni tikkundannah għal-piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' snin (4) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, filwaqt li fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni tikkundannah għal-piena ta' multa ta' mija u sittax il-ewro (€116).

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 382A tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trażżin għaf-favur ta' Johanna Galindo Moeno, u dan għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda għaddej mid-data ta' l-iskadenza tal-piena hawn inflitta, u dan taħt il-kondizzjonijiet segwenti:

Taħt din l-Ordni ta' Trażżin il-ħati qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Johanna Galindo Moeno; jew jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta tgħix, tiffrekwenta jew tirrisjedi; jew jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta.

Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-portata tas-sentenza lill-imputat u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' is-sentenza.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------